# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju, 2001**

**Avviz numru : 11/01GT (GM)**

**Joseph Rotin**

**-vs-**

**Emmanuel Mercieca**

It-Tribunal;

Ra l-avviz li permezz tieg]u l-attur talab li l-konvenut jiji kkundannat ghall-hlas ta' mija u ghaxar liri Maltin u disghin centezmu (Lm110.90c), bl-imghaxijiet kif ukoll l-ispejjez , komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' Jannar 2001 u l-ittra ufficcjali ipprezentata f'Marzu 2001 dovuti mill-attur bhala hlas ghal spare parts u xoghol ta' tiswija fuq il-karozza Peogeot proprjeta' tal-konvenut u fuq istruzzjonijiet tal-istess konvenut;

Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat fil-11 ta' Mejju 2001 izda la pprezenta risposta u l-anqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fl-14 ta' Gunju 2001 u tal-lum, il-15 ta' Gunju 2001;

Sema' d-depozizzjoni guramentata tal-attur fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2001 li permezz taghha ikkonferma li l-ammont imsemmi fl-avviz ghadu dovut ;

Ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995;

Jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM110.90 bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali hawn taht imsemmija sad-data tal-hlas effettiv kif ukoll l-ispejjez , komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' Jannar 2001 u l-ittra ufficcjali ipprezentata f'Marzu 2001 dovuti mill-attur bhala hlas ghal *spare parts* u xoghol ta' tiswija fuq il-karozza Peogeot proprjeta' tal-konvenut u fuq istruzzjonijiet tal-istess konvenut;

(ft.) Av. GRAZIO MERCIECA
GUDIKATUR

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur